StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

**IR-RABA' SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________________** **Il-Klassi: ____________**

**TAQSIMA 1** **(10 marki)**

**Imla l-vojt b'GĦAXRA mill-kelmiet jew mill-frażijiet ipprovduti fil-kaxxa t'hawn taħt. Hemm ERBGĦA żejda.**

**<u>IL-WAQGĦA TAL-BNIEDEM</u>**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **il-Mulej Alla** | **l-annimali** | **t-tajjeb u l-ħażin** | **la tiklux** | **għeġubijiet** |
| **għarwiena** | **allat** | **il-ġnien** | **għaż-żiffa** | **familja** |
| **Insara** | **~~s-serp~~** | **nieklu** | **id-dokumenti** | **għajnejhom** |



U **<u>s-serp</u>** kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost ________________________ selvaġġi kollha li kien għamel ________________________. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?'" U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu ________________________. Imma l-frott li hemm f'nofs ____________________, Alla qalilna: '____________________ minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu.'" U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur li ma tmutux. Imma Alla jaf li dakinhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal ________________________, li jafu ________________________." U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet. Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha u kiel. U nfetħu ________________________ it-tnejn u ntebħu li kienu ________________________, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma. U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien ________________________ tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA 2**

**Ikteb ŻEWĠ sentenzi fuq kull waħda minn dawn il-kelmiet biex turi li taf xi jfissru.**



**ID-DNUB ORIĠINALI**________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ *(4 marki)*




**KONĊILJU** ________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ *(4 marki)*



**L-INKARNAZZJONI** ________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ *(4 marki)*



**IL-KANONI TAL-KOTBA MQADDSA**________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ *(4 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**IL-QUDDIESA** ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________*(4 marki)*

**TAQSIMA 3** **(10 marki)**

**Semmi l-personaġġi li kellhom x'jaqsmu mal-ġrajjiet imsemmija hawn taħt.**

| ĠRAJJA | PERSONAĠĠ |
|---|---|
| Eż. Ġie Malta u wasslilna l-fidi Nisranija. | **San Pawl** |
| 1. Qaleb għall-Malti l-Bibbja kollha mil-lingwa oriġinali tagħha. | |
| 2. Huwa meqjus bħala l-akbar u l-aqwa sultan li qatt kellhom il-Lhud. | |
| 3. Permezz tiegħu l-poplu Lhudi ġie meħlus mill-Eġittu. | |
| 4. Kien dak li bena t-tempju lil Alla f'Ġerusalemm. | |
| 5. Bil-mewt u l-qawmien tiegħu salvana mid-dnub. | |
| 6. Daħħal lill-poplu Lhudi jgħix fl-art tal-Eġittu. | |
| 7. Kien missier it-tnax-il tribù ta' Iżrael. | |
| 8. Kien lest li joffri lil ibnu bħala sagrifiċċju biex juri l-fidi li kellu f'Alla. | |
| 9. Kien il-profeta li deher ma' Mosè fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni. | |
| 10. Ried jara l-pjagi ta' Ġesù biex jemmen li Hu qam mill-mewt. | |







www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA 4**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Waħda mir-reliġjonijiet il-kbar mhux Insara hija l-Buddiżmu.

i) Min kien il-fundatur tar-reliġjon Buddista?

______________________________________________________________ *(marka)*

ii) Spjega xi tfisser il-kelma *reinkarnazzjoni*.

______________________________________________________________ *(marka)*

iii) Semmi reliġjon oħra li temmen fir-reinkarnazzjoni.

______________________________________________________________ *(marka)*

2. L-Iżlam jaf il-bidu tiegħu lil Muħammed.

i) X'jissejjaħ il-ktieb qaddis tal-Musulmani?

______________________________________________________________ *(marka)*

ii) Semmi **tnejn** mill-ħames pilastri tal-fidi Musulmana.

(a) ______________________________________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________________________________ *(marka)*

3. Spjega xi jfissru dawn il-kelmiet:

i) Superstizzjoni - ______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

ii) Fanatiżmu - ______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

4. Aħna nemmnu li l-Bibbja hija l-Kelma t'Alla.

i) X'jissejħu l-ewwel **ħames** kotba tal-Bibbja?

______________________________________________________________ *(marka)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ii) Spjega fi kliemek xi tfisser il-kelma **ispirazzjoni.**

_______________________________________________________________(m

iii) Bħala Nsara kif għandna nersqu lejn il-Bibbja?

_______________________________________________________________*(marka)*

5. Fl-ewwel ktieb tal-Bibbja nsibu l-ġrajja tal-ħolqien tad-dinja.

i) X'jismu l-ewwel ktieb tal-Bibbja?

_______________________________________________________________*(marka)*

ii) M'għandux ikun hemm kontradizzjoni bejn dak li tgħid il-Bibbja u dak li ssib ix-xjenza. Spjega.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________*(2 marki)*

iii) X'inhu l-messaġġ ewlieni li trid twassal il-ġrajja tal-ħolqien tad-dinja?

_______________________________________________________________*(marka)*

6. Alla xeħet ħarstu fuq ulied Iżrael u ra f'liema stat kienu.

i) X'jismu l-post li fih Alla sejjaħ lil Mosè għall-ewwel darba?

_______________________________________________________________*(marka)*

ii) X'kellu jagħmel il-poplu Lhudi qabel jaħrab mill-art tal-Eġittu?

_______________________________________________________________*(marka)*

iii) Għalfejn il-ġrajjiet tal-poplu Lhudi fl-Eżodu huma miktubin fil-forma ta' saga reliġjuża?

_______________________________________________________________*(marka)*

7. "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna …"

i) Liema huma d-dokumenti Nsara ewlenin li juruna li Ġesù kien personaġġ li eżista verament?

_______________________________________________________________*(marka)*

ii) F'liema talba aħna nistqarru li Ġesù huwa "*veru Alla u veru bniedem*"?

_______________________________________________________________*(marka)*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. Spjega xi jfissru dawn li ġejjin:

i) Il-Knisja Kattolika -________________________________________

______________________________________________________*(2 marki)*

ii) Il-Knisja Appostolika - ________________________________________

______________________________________________________*(2 marki)*

9. Agħti **żewġ** ismijiet oħra li nistgħu nagħtu lis-sagrament tal-Qrar.

(a) __________________________________________________*(marka)*

(b) __________________________________________________*(marka)*

10. Ġesù jieħu post il-ħaruf tal-Għid.

i) F'liema okkażjoni Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija?

______________________________________________________*(marka)*

ii) Il-Quddiesa tinqasam **f'żewġ taqsimiet**. Semmihom.

(a) __________________________________________________*(marka)*

(b) __________________________________________________*(marka)*

iii) Poġġi numri fil-kaxxi provduti biex turi l-ordni eżatt kif dawn isiru waqt il-quddiesa:
*(3 marki)*

☐ Il-Qari

☐ L-Offerti

☐ It-Tqarbin

☐ Il-Kolletta

☐ Il-Missierna

☐ Il-Konsagrazzjoni



www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

11. Ġesù dejjem wera kif għandha tkun l-imħabba tan-Nisrani.

i) Irrakkonta fi kliemek il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.

*(4 marki)*

ii) Ikteb it-tagħlima prinċipali ta' din il-parabbola.

*(2 marki)*

**TAQSIMA 5** **(20 marka)**

**Agħżel WAĦDA mill-mistoqsijiet u ikteb madwar 200 kelma fuq karta separata.**

**1. L-Eżodu: Il-Ħelsien ta' Poplu mill-Jasar**



a) Irrakkonta fi kliemek il-ġrajja ta' kif Alla ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. *(6 marki)*

b) Għaliex Alla ta l-kmandamenti lill-poplu Lhudi? *(7 marki)*

c) Il-kmadamenti jeħdulna jew jagħtuna l-libertà? Spjega dan billi tagħti **tliet** eżempji. *(7 marki)*

**2. Ġesù kien "veru Alla u veru bniedem"**



a) Ikteb fuq **tliet** kwalitajiet fejn Ġesù wera li kien veru bniedem. *(6 marki)*

b) Ikteb **tliet** episodji mill-ħajja ta' Ġesù fejn huwa wera li kien veru Alla. *(6 marki)*

c) Semmi **erba'** modi kif Ġesù għandu jkun il-mudell f'ħajjitna. *(8 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**3. Is-Sagrament tal-Qrar: Niltaqgħu ma' Ġesù permezz tas-saċerdot.**



a) Irrakkonta **żewġ** ġrajjiet li juru kif Ġesù kien iġib ruħu mal-midinbin. *(8 marki)*

b) Irrakkonta l-ġrajja meta Ġesù ta s-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet lill-appostli. *(7 marki)*

c) X'għandu jagħmel in-Nisrani biex jagħmel qrara tajba. *(5 marki)*

**4. Is-Sagrament tal-Ewkaristija Mqaddsa: Niltaqgħu ma' Ġesù moħbi fix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid.**



a) X'inhi r-rabta li teżisti bejn l-ikla tal-ħaruf tal-Għid u l-Aħħar Ċena? *(8 marki)*

b) Għalfejn l-Insara jiċċelebraw l-Ewkaristija nhar ta' Ħadd? *(6 marki)*

c) Kif għandi ngħix l-Ewkaristija fil-ħajja tiegħi ta' kuljum? *(6 marki)*

## TMIEM IL-KARTA

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers